MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 97/2002

**Vincent E. Ciliberti, u b'nota tal-25 t'April 2005 l-atti kienu assunti minn Dr. Michelle Tabone Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entitajiet Ekklesjastici Djocesani kollha ta' Malta fl-interess tal-Legat Gio Luca Gauci anness mal-Knisja Kolleggjata u Konventwali ta' San Lawrenz tal-Belt Vittoriosa**

**vs**

**Annunzjata armla ta' Giuseppe Zammit.**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

"Illi l-imsemmi Giuseppe Zammit kellu mikri ghandu l-fond (hanut) f'1, Triq Nestu Laiviera, Vittoriosa bil-kera ta' Lm9 fis-sena l-ewwel skadenza fit-18 ta' Lulju 2003.

Illi mal-mewt tal-imsemmi Giuseppe Zammit issuccediet fil-kirja l-armla tieghu Annunizata.

Illi l-fond qed jinzamm maghluq u hemm minn lest jahlef li f'dawn l-erba' snin qatt ma raw il-post miftuh - dak li jimplika tibdil ta' destinazzjoni 'non usando' il-proprejata' lokata.

Bla pregudizzju peress illi l-intimata ex admissis iddikjarat li bidlet id-destinazzjoni tal-fond.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett kollu jitlob li jkun awtorrizat jirriprendi pussess tal-imsemmi fi tmiem ir-rilokazzjoni kurrenti.

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2002, fejn l-intimata, tramite binha Lawrence Zammit, ikkontestat t-talba tar-rikorrenti;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi preliminarjament jokkorri ikun rilevat illi fis-26 ta' Frar 2003 l-intimata prezentat rikors sabiex tkun awtorizzata tikkontesta t-talba wara li kienet allegatament zvijata mir-Arcipriet tal-Birgu li kien assiguraha li ma kellhiex ghalfejn titla l-Qorti ghall-kawza (fol 21). Dan ir-rikors, ghal xi raguni, qatt ma kien dekretat mill-Bord diversament presedut. Il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2002 juri illi kien deher iben l-intimata u ikkontesta l-kawza. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, izda, l-intimata tghid illi kienet pprezentat risposta bis-sens illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt u fid; l-konvenuta ghandha titolu validu ta' kera; u fit-tielet lok u bla pregudizzju l-inkompetenza ta' dan l-Onorabbli Bord 'rationae materaie'. Din ir-risposta izda mhix parti mill-atti

processwali. Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, r-rikorrenti ghamlet referenza ghal din ir-risposta u qalet li minkejja li l-intimata ma ghamlet l-ebda osservazzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan il-Bord minnha sollevata, xorta wahda ser tirtratta dwarha f'dik in nota kif fil-fatt ghamlet. Jidher li dan huwa lapsus min-naha tal-intimata ghaliex in effetti ma intavolat l-ebda risposta u certament dan il-Bord kien jghaddi biex jitratta l-punt preliminari dwar l-inkompetenza;

Illi kemm il-darba kienet verament registrata din ir-risposta, dan il-Bord ma jarax ghaliex ghandu jinoltra fit-tul dwarha. Jekk din l-eccezzjoni tirreferi ghall-fatt illi r-rikorrenti talbu li jkunu awtorizzati jirriprendu l-pussess tal-fond fi tmiem ir-rilokazzjoni kurrenti, allura m'ghandiex ragun fuq zewg livelli. Fl-ewwel lok il-kwistjoni hija rizolta minhabba *jus superveniens* senjatament l-Att X tal-2009 li ta gurisdizzjoni esklussiva li dan il-Bord jiddeciedi kawzi dwar kuntratti ta' kiri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Gatt vs Daniel Doneo** deciza fit-28.3.2011 (PA) l-Qorti irriteniet illi l-emendi introdotti bl-Att X *taw poteri lil Bord tal-Kera li jiddeciedi l-kwistjonijiet kollha li johorgu minn kuntratt ta' kera fil-paramentri tal-artikoli tal-Kodici Civili u dawk tal-Kapitolu 69… bl-emendi li saru fl-2009 amplifikaw l-poteri tieghu u akkordaw lil bord poteri investigattivi u l-poteri fost ohrjan li jiddeciedi dwar kwistjonjiet kollha konnessi mal-kuntratt ta' kera.* Dawn il-poteri izda mhumiex assoluti ghaliex kif wissiet l-istess Qorti: *l-Bord tal-Kera xorta jibqa tribunal specjali b'poteri li jridu jintuzaw entro l-limiti ta' dak li tghid il-ligi. Kwistjonjiet li ma jaqghux entro l-provvediemnt tal-ligijiet li jirregolaw il-kiri jridu per forza jaqghu fil-kompetenza tal-Qrati Ordinarji*. Qabel dawn l-emendi, il-kompetenza tal-Bord kienet ristretta ghal dawk il-kawzi fejn it-talba tkun ghall-awtroizazzjoni lis-sid sabiex ma jgeddidx il-kirja wara il-perjodu ta' rilokazzjoni bhalma hi l-kawza odjerna filwaqt illi meta t-talba tkun ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt, it-tribunal li setgha jisma kawza bhal dik kienet biss il-Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja. Ghall-ahjar intendiment, issir referenza ghal-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell kollegjalment komposta fl-ismijiet **Richard Borg Ginger pro et noe –vs- Frank Caruana et deciza mill-Qorti tal-**

**Appell fl-10.10.2003.** Din il-Qorti ccitat b'approvazzjoni dak ritenut mill-ewwel Qorti li kkonkludiet: "Illi, (minbarra dan), jidher li huwa stabbilit ukoll li, f'kawzi fejn il-lokatur irid jiehu lura l-pussess minghand il-kerrej, il-gurisdizzjoni tat-tribunal tiddependi minn jekk it-tehid lura jkunx mitlub b'effett minn tmiem il-kirja jew inkella tkunx fl-ghamla ta' talba ghall-hall tal-kuntratt tal-kirja jew tat-tigdid taghha waqt li jkunu ghadhom fis-sehh. F'ta' l-ewwel huwa meqjus li l-lokatur ghandu jirrikorri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, filwaqt li f'tat-tieni, huwa ghandu jersaq quddiem il-qrati ordinarji". Ghalkemm kif gia inghad, din il-kwistjoni hija llum rizolta bl-emendi tal-2009, anke *gratia argomenti* li dan mhux il-kaz, dan il-Bord huwa kompetenti jisma' din il-kawza la darba hija bazata fuq talba sabiex il-kirja ma tiggeddidx oltre l-perjodu ta' rilokazzjoni;

Illi fil-mertu, dan huwa rikors ghar-ripreza ta' fond mikri bhala hanut ghall-bejgh tal-laham. Ir-rikorrenti vvantaw zewg ragunijiet ghat-talba taghhom. L-ewwel premessa hija dik ta' bdil fid-destinazzjoni tal-fond minhabba nuqqas ta' uzu tieghu. It-tieni premessa ukoll hija ta' bdil fid-destinazzjoni tal-fond izda kif ser jemergi aktar 'l quddiem l-allegat bdil huwa minn hanut ghall-fond ta' manifattura u hazna. Bid-dovut rigward, din hija sitwazzjoni fejn premessa toqtol lill-ohra ghaliex huwa guridkament kontrasens li tghid li l-fond mhux qed jintuza u fl-istess waqt tghid li qieghed jintuza imma ghal skopijiet mhux ghal dawk mikrija. Fi kwalunkwe kaz, dawn iz-zewg premessi ser ikunu konsiderati separatment;

Illi minkejja li r-rikorrenti tallega bdil fid-destinazzjoni tal-fond "non usando" il-proprjeta lokata, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tghid hekk: "illi "non uzo" u "l-uzu divers" huma zewg kuncetti kontradistinti minn xulxin. Anke jekk jigi koncess illi xi kultant intqal ukoll li dawn jikkavallaw wahda fuq ohra. Dan fis-sens illi "in-non uzu" gie ekwiparat ghall-uzu divers" (Vide "**Rocca Caruana et vs Albert Cauchi**") deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta' Dicembru 1968". Interessanti illi din l-osservazzjoni hija kelma b'kelma dak li intqal mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Charles u Neville ahwa Zammit Tabona**

**vs Alfrida Walker et** deciza fil-15 ta' Dicembru 2003, kawza din li ghandha l-fatti specie identici bhal dawk tal-kaz odjern bid-differenza li l-hanut kien ta' hajjat. Dak li kien messha taghmel r-rikorrenti kien mhux li tislet bicca minn din is-sentenza u taghmilha taghha izda li ticcitaha fl-intier taghha ghaliex dik il-Qorti, b'logika u precizzjoni klinika wasslet ghall-konkluzzjoni illi ma kien hemm ebda nuqqas ta' uzu f'kaz ta' hanut li issa qed jintuza ghall-magazinar ta' merci konessi man-negozju tal-inkwilin. Fis-sentenza deciza fi-12 ta' Jannar 2005 **Giraldu Camilleri vs Carmelo Tonna et** mill-istess Qorti tal-Appell imbaghad ghamlet referenza ghas-sentenza taghha **Tonna vs Walker** u precizat illi "*B'danakollu hu rikonoxxut ukoll f'bosta decizjonijiet illi n-"non-uzu" hu parifikat ukoll ghall-"uzu divers" u b'hekk iz-zewg kuncetti huma skambjabbli. Ara* ***Kollez.Vol.XXXIV pI p164; Vol. XLV pI p196****"*

Issa harsa lejn ir-ragunijiet fejn s-sid jista' jadixxi lil Bord ghar-ripreza ta' fond turi illi din hija wahda ristretta hafna kif ukoll illi n-nuqqas ta' uzu mhix wahda mir-ragunijiet ravvizati fl-artikolu 9(a) tal-Kap 69. Dak li jista' jintitola lis-sid jirriprendi l-fond huwa bdil fid-destinazzjoni tal-fond u ghalhekk in-nuqqas ta' uzu huwa, b'mod partikolari f'kazijiet ta' hwienet kif komunement definiti, hafna drabi ikun ekwiparat bhala bdil fid-destinazzjoni ghaliex altrimenti s-sid ma jkollu ebda rimedju f'kaz li l-fond mhux qed jintuza. Dan il-sollevat mir-rikorrenti ma hu ta' ebda ghajnuna ghar-rizoluzzjoni tal-kaz odjern gialadarba l-Qrati taghna jekwiparaw iz-zewg termini bhala haga wahda. Per ezemplari, fil-kawza **Mary Borg vs Invicta Ltd** decizja mill-qorti tal-Appell fl-1 ta' Dicembru 2004, kien ritenut illi: "*huwa ferm pacifiku illi l-premessa tan-non uzu hi kawzali sostanzjalment ta' fatt. In fatti huwa principju accettat fid-duttrina u fil-gurisprudenza kopjuza taghna fuq is-suggett illi l-kerrej li ma juzax il-post ma jkunx qed juzah skond id-destinazzjoni tieghu. Dan in bazi ghall-insenjament tal-Laurent li "non si usa della cosa secondo la sua destinazione non usandone". Ara* ***Kollez. Vol. XXXIV pI p164; Vol. XXXVI P I p 141 u Vol. XLV pI p196*****;**" Il-Qorti rribadiet dan b'kawtela li kull kull irid ikun

ezaminat fuq il-fatti specie tieghu u naturalment hekk ser jaghmel dan il-Bord;

Huwa terren komuni bejn il-partijiet illi dan il-fond kien inghata b'titolu ta' lokazzjoni lir-ragel tal-intimata sabiex jintuza bhala hanut ghal bejgh tal-laham. Dan ilu hekk mikri ghall-hafna snin tant li fl-origini taghha l-kera kienet favur missier ir-ragel tal-intimata li jidher li ilhom zmien twil f'dan in-negozju Huwa pacifiku illi fond mikri ghal tali skop igawdi mill-protezzjoni konsentita lill-"hanut" skond il-ligi specjali Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta dment li jibqa ikun utilizzat bhala hanut (**Kollez Vol XLII P I p. 132**). Huwa terren komuni ukoll illi minn xi zmien 'l hawn dan il-fond m'ghadux jintuza biex minnu isir bejgh ta' laham lill-pubbliku u wahda mill-kwistjonijiet devoluti hija dwar kemm ilu hekk maghluq.. Dan il-fond jinsab sitwat fi pjazza ftit boghod mill-Knisja ta' San Lawrenz fil-Birgu. Il-kwistjoni devoluta quddiem dan il-Bord tnisslet mill-ilment tas-sidien li l-fond qed jinzamm maghluq. Is-Sagristan tal-Knisja jghid illi ilu jghaddi minn hemm ghal dawn l-ahhar sittax-il sena u dejjem jarah maghluq. Ix-xhieda kollha tar-rikorrenti huma vuci wahda dwar dan inkluz certu Anton Gellel li ghandu negozju proprju fl-istess pjazza. L-intimata mhix qed tikkontesta li l-fond qed jinzamm maghluq, pero' toffri raguni ghal dan. Meta zewgha kien marad ma setghax jibqa' hafna fuq saqajh u ghalhekk kien fetah hanut iehor proprju taht ir-residenza taghhom fil-Kalkara. Il-hanut tall-Birgu, izda, baqa' jintuza ghall-manifattura tal-*hamburgers*, attivita' li kienet ilha ghaddejja minn zewgha u sabiex jinhazen l-laham li jinbiegh mill-hanut tal-Kalkara. Carmelo Scicluna, xhud tar-rikorrenti, jikkonferma illi darbtejn fil-gimgha jara lis-Sur Zammit (riferibilment ghall-iben l-intimata, diehel b'xi kaxxi u jerga johrog, u jkollu l-van hdejn.(fol 14). Xhieda ohra jghidu li ma jaraw l-ebda attivita. F'din il-kawza, xehdu diversi persuni mressqa mir-rikorrenti izda essenzjalment lkoll esprimew opinjoni ghaliex fattwalment hadd minnhom ma kien kategoriku u car bizzejjed biex jghid li l-fond huwa maghluq u assolutament mhux uzat ghall-ebda skop. Min-naha taghha, l-intimata mhux biss cahdet dan kollu izda ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Bord bix-xhieda taghha u ta' ulieda, li dan il-fond, ghad li mhux gestit bhala hanut

ghal bejgh tal-laham, qed jintuza ghall-manifattura u hazna ta’ laham. Essenzjalment ghalhekk, dan il-fond huwa utilizzat bhala “store” u in rigward issir referenza ghall-dak insenjat mill-gurisprudenza. Il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Wallace u Doris mizzewgin Micallef et vs Carmelo u Grace mizzewgin Degiorgio 88/99, deciz fit-28 ta’ April 2004** irriteniet illi l-karatteristici ta’ “store” huma distinti minn dawk ta’ hanut veru u proprju u jista’ jigi kondott negozju minnu anke jekk ma jkunx miftuh ghall-klijentela. F’dik is-sentenza l-Qorti trattat dwar il-frekwenza ta’ uzu li wiehed ragonevolment jistenna fil-gestjoni ta’ store ghad-differenza tal-frekwenza ta’ uzu ta’ hanut veru u proprju. B’dan l-insenjament fil-mira, il-Bord ma jara xejn stramb li dan il-fond qed jinzamm maghluq jekk verament qed jintuza bhala store u dan indipendentement mid-decizjoni li trid issegwi dwar il-bdil fl-uzu tal-fond mikri. L-intimata u ulieda lkoll xehdu illi waqt li tkun ghaddejja l-manifattura tal-laham, gieli darba gieli darbtejn fil-gimgha skond il-htiega, l-fond jinzamm maghluq u din l-attivita forsi tissokta ghal madwar saghtejn. L-intimata ezebiet permess mill-awtoritajiet li hi licenzjata sabiex timmanifattura l-*hamburgers*. Dan il-permess inhareg fl-1978 u din l-attivita’ setghet tkun zvolta mill-fond in kwistjoni. Fil-prezent mhix qed issir manifattura ghaliex waqghu xi xorok tas-saqaf li hija l-art tal-fond sovrastanti li jappartjeni lill-Knisja tal-Birgu fejn hemm operat ta’ radju u kumitat tal-festi. Il-Knisja ma tridx thallas ghall-hsarat fil-magni tal-intimata u ghalhekk ix-xoghol huwa wieqaf. Ghall precizzjoni, l-Knisja lesta thallas l-valur tal-oggetti meta mixtrija zmien ilu wara li tnaqqas il-valur ta’ deprezzament – izda dik hija kwistjoni li tmur ‘l hinn mill-iskop ta’ din id-decizjoni. Dak li hu rilevanti f’dan l-incident hu li minkejja li l-intimata esebiet ritratti u rapport tal-Pulizija Ezekuttiva dwar il-hsarat fil-makkinarju, r-rikorrenti jibqghu jinsistu kontra kull kurrent illi fil-fond ma hemm l-ebda makkinnarju. Il-fatti jiddemostraw illi l-fond huwa wiehed zghir, bil-hitan miksija bil-madum u fih diversi bicciet ta’ makkinarju bhala *chest freezer*, magna tal-kapuljat, magna li timmanifattura l-*hamburgers* u ohrajn;

Hija l-konkluzzjoni ta’ dan il-Bord dwar dan il-punt illi dan il-fond huwa uzat mill-intimata ghall-manifattura u hazna ta’ laham. Attivita’ din li minkejja li hija diversa mill-iskop originarju, tfisser biss illi r-rikorrenti m’ghandiex ragun meta tghid li hemm “non uzo” tal-fond. Kif gia intqal, l-materja taht skrutinju ghandha xebh ma’ dik tal-kaz fuq citat **Zammit Tabona vs Walker** fejn il-gestjoni tal-hanut inbidlet minn hanut ta’ hajjat ghall-mahzen ta’ merci konnessi man-negozju tal-kerrej. Il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

“Kien hemm, iva, li dan ma baqax stabbiliment tal-hjata u sar mahzen. Mahzen pero` protett mil-ligi bhala hanut billi gie provat ukoll illi fih ma jintrefghux biss affarijiet huma x’inhuma izda jinhaznu “wares” jew “goods” (merkanzija) konnessi man-negozju (**Vol XLII pI p312**). Dan hu, kif ravvizat mill-Bord, “uzu divers” izda mhux ukoll “non-uzu”. Ma hemmx ghalfejn jinghad ukoll illi fond kummercjali mhux necessarjament jimplika illi l-post kellu joffri servizz dirett lill-klijenti gjaladarba “store” hu ukoll kummercjali jekk ikun attinenti ghan-negozju. Dan allavolja ma jinfetahx ta’ kuljum jew biex iservi direttament lill-klijentela.”

Dan l-insenjament naturlament huwa ta’ ghajnuna ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjoni odjerna u l-Bord ma ghandu l-ebda ezitazzjoni jichad it-talba tar-rikorrenti postulata fuq in-nuqqas ta’ uzu;

Stabbilit illi dan il-fond ghadu jintuza, ghad illi mhux ghall-iskop originiarju, isegwi li ghandu ikun ezaminat it-tieni ilment tar-rikorrenti li jorigina minn zieda fil-kawzali mitluba wara d-dikjarazzjoni tal-intimata dwar il-bdil fid-destinazzjoni tieghu. Kawzali din li timporta “uzu-divers” veru u proprju. L-artikolu 9(a) tal-Kap 69 jimplika li l-kerrej ma jistax ibiddel id-destinazzjoni tal-fond minghajr il-kunsens tas-sid. Huwa pacifiku llum li dan il-kunsens mhux ristrett ghal wiehed espress u jista’ jkun tacitu. Kif gia senjalat, l-intimata stess tirrikonoxxi bdil fl-uzu tal-fond izda dan il-fond baqa’ dejjem f’ambitu kummercjali. L-intimata tghid illi l-bdil fid-destinazzjoni tal-fond sehh hafna

snin ilu u fi zmien meta kien ghadu haj zewgha u bil-kunsens tas-sidien. L-intimat u ulieda lkoll jghidu illi zewgha kien jghidilhom li kien ottjena l-permess tal-Arcipriet sabiex jibda juza l-hanut ghall-skop ta' manifattura u magazzinar tal-merci tieghu. Bin l-intimat, Lawrence Zammit (jnr) jghid illi dakinhar kien mar ma' missieru ghand l-Arcipriet tal-Birgu li kien approva t-talba ghall-bdil tal-generu (fol 98).

Rilevati hafna huwa l-fatt illi s-sagristan tal-knisja Carmelo Scicluna iddikjara illi "kullma nara xi darba jew darbtejn fil-gimgha lis-Sur Zammit diehel b'xi kaxxi u jerga johrog, u jkollu l-van hdejh" (fol 12). Il-Kanonku Dun Giuzepp Caruana, l-assistant amministrat tal-Parocca tal-Birgu jghid illi dan il-fond ilu maghluq xi tlett snin u qabel kien hanut tal-laham. Pero' ezaminati l-provi jirrizulta illi dan il-fond ilu xejn anqas minn 25 sena li bidel il-generu tieghu. Tul dawk il-25 sena, dan il-hanut ma baqghax jinfetah bhala hanut proprju ghal bejgh tal-merci. Fuq barra ma kellux tabella u huwa pjuttost insolitu li hanut tal-laham ma jkollux tabella fuqu, izda dan ma kienx notat mix-xhieda tar-rikorrenti. Fr. John Avellino jikkonferma illi dan il-fond ilu minghajr tabella ghal dawn l-ahhar 25 sena (fol 179). Dan huwa relevanti hafna meta riskontrat mal-fatt illi l-licenzja ghall-manifattura inharget fl-1978 (ara xhieda ta' WPC 123 a fol 240). Issa, jemergi mill-atti processwali illi l-kera ta' dan il-fond dejjem, thallset u qatt ma kien hemm rifjut taghha b'mod partikolari minn meta sar bdil fil-generu. Jirrizulta pero' illi ghal dawn l-ahhar ftit snin, l-intimata kienet mitluba thallas il-kera l-Arcidjocesi ta' Malta fil-Furjana u dan wara l-ftehim li l-Knisja ghamlet mal-Gvern ta' Malta. Iben l-intimat ghalhekk beda jibghat il-kera f'isem ommu kif rikjest billi jannetti *cheque* ma' ittra fejn ta' kull sena kien mitlub li tinhareg r-ricevuta ghas-sena ta' qabel (vide fol 71 sa 77). Jemergi illi dawn ic-cheques baqghu ma ssarfux u l-intimata qatt ma kienet infurmta dwar dan il-fatt;

Huwa rikonoxxut illi meta sid il-kera jircievi *cheque* ghall-hlas tal-kera u ma jsarrafx dak it-titolu minghajr ma javza lill-kerrej, ikun qed jippregudika l-posizzjoni tieghu. Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell kollegjament komposta

fis-27 ta’ April 1992 fl-ismijiet **Joseph Pisani vs Victor Eminyan noe**, ghalhekk il-kwistjoni hemm devoluta kienet dwar morozita’ fil-hlas tal-kera, l-Qorti rriteniet illi: “meta l-attur accetta z-zewg “cheques” tal-kumpanija u ma baghathomx lura fi zmien tlett ijiem, ghalkemm ma sarrafhomx, huwa accetta wkoll li l-lokazzjoni ghadha ghaddejja, ghaliex altrimenti ma kellu ebda dritt li jzomm cheque bl-ammont tal-kera.” Fil-kaz odjern, l-intimata kienet sorpriza mhux ftit li l-kera ma kienitx qed tkun percipita mir-rikorrenti wara li bdiet tkun amministrata minnha minflok il-Knisja tal-Birgu. Dan jehtieg li jitqieghed fil-perspettiva ukoll tad-dikjarazzjoni tal-assistant amministratur tal-Parocca tal-Birgu a fol 18 meta mistoqsi ghaliex ghandhom bzonn dan il-fond jghid: “Mieghu hemm xi tlett postijiet ohra u rridu nizvlipawh ghas-servizz tal-Parocca”. Iben l-intimata, ukoll jghid illi l-Arcipriet kien infurmah illi ma kellux triq ohra hlief li jipprezenta din il-kawza altrimenti l-Gvern kien ser jiehu pussess tal-fond skond il-ftehim bejn il-Knisja u l-Gvern dwar l-proprjeta’ tal-istess Knisja. Dan kollu jinduci lil Bord illi l-allegazzjoni ta’ bdil fid-destinazzjoni tal-fond minghajr kunsens hija biss pretest tar-rikorrenti bhala l-uniku mod kif tista’ tirriprendi l-fond.

Ghalkemm il-Bord mhux qed jiddubita mid-dikjarazzjoni tal-intimata illi zewgha kien ottjena l-kunsens tal-Parocca sabiex ibiddel il-generu, xorta wahda huma moralment konvint illi kien hemm l-akwiexxenza tal-parocca ghal dan il-bdil. Opportunement u finalment ssir referenza ghall-kawza **Pawlu Agius vs Nicholas u Carmen Micallef (App 21.5.2010 numru 10/03)** fejn kien ritenut illi: Jekk allura l-appellanti *qua* sid kien jaf b’dan l-uzu, u ma pprotestax, jew ma sabx oggezzjoni ghal dak l-uzu tal-fond bhala store, jigi li hu ta l-kunsens tieghu tacitament ghal dak l-uzu u ma jistghax allura jallega kontra l-inkwilin uzu divers minn dak li ghalih il-fond originarjament kien mikri. Ara “**Emanuele Camilleri-vs-Joseph Carabott**, Appell, 29 ta’ Ottubru, 1962”. Fuq l-iskorta ta’ din il-gurisprudenza, huwa inspjegabbli kif ghadda dak iz-zmien kollu, dejjem inharget ricevuta, l-fond kien fi pjazza fl-istess akwata tal-Knisja u hadd ma nnota l-bdil ghal 25 sena;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------